# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tal-lum l-Erbgħa 25 ta' Settembru, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru.: 621/14/1 MH**

**Numru:6**

**Maria Concetta sive Mari Shires**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Direttur Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali u l-Avukat Ġenerali għal kull interess**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attriċi tal-11 ta' Lulju 2014** permezz ta' liema ġie premess u mitlub -

*1." Illi fil-15 ta' Lulju 1984 miet Edgar Bonello, missier il-mittenti u permezz tat-testment tiegħu tas-6 ta' Mejju 1983 fl-atti tan-Nutar Angelo Vella, filwaqt li nnomina bħala eredi tiegħu lill-uliedu l-oħra Joseph u Vincent*

*Bonello, ddiżeredita lill-esponenti għar-raġunijiet indikati fl istess testament.*
*2. B'ċitazzjoni ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet 'Maria Concetta Shires proprio et nomine vs Vincent Bonello et', Ċitazz 771/1986, l-esponenti talbet li l-Qorti tiddikjara li r-raġunijiet miġjuba mit-testatur Edgar Bonello għad-diżeredazzjoni tagħha ma humiex minnhom u għalhekk id-diżerediazzjoni tagħha hija nulla u bla effett u li konsegwentament l-esponenti għandha dritt għal-leġittima skont il-liġi (din il-kawża ġiet deċiża b'eżitu favorevoli għall-esponenti fl-4 ta' Diċembru 2006).*

*3. Illi permezz ta' digriet tal-15 ta' Diċembru 1986 il-Prim'Awla tal Qorti Ċivili ordnat il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-imsemmija Joseph u Vincent aħwa Bonello, kif ukoll kontra ommhom u omm l esponenti, Giovanna armla ta' Edgar Bonello sabiex jiġu inibiti milli b'xi mod jiddisponu jew jaljenaw mill-assi ta' Edgar Bonello biex b'hekk jiġi aċċertat li fil-mori tal-kawża 774/186 fuq imsemmija l-assi ma jiġux sparpaljati.*

*4. Illi dan il-mandat ġie debitament notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.*

*5. Illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn Giovanna Bonello u żewġha Edgar Bonello, kif ukoll l-eredita ta' Edgar Bonello ma ġewx likwidati u lanqas ma saret id-diviżjoni tal-istess.*

*6. Illi minkejja dan kollu, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tat-8 ta' Lulju 1999, Giovanna Bonello u Joseph Bonello biegħu lil Vincent Bonello u martu Antoinette kwantu għal Giovanna Bonello għan-nofs indiviż u l-użufrutt tan-nofs indiviż ieħor u Joseph Bonello għall-kwart indiviż tan-nuda proprieta tal-garage li jismu 'Lourdes' bla numru f'Carmel Street, Birkirkara soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm3 versu l-prezz irriżorju ta' Lm2,000 għal Giovanna Bonello u Lm1,000 għal Joseph Bonello.*

*7. Illi permezz ta' kuntratt ieħor fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tat 22 ta' Frar 2001 Giovanna Bonello ddonat lil Joseph Bonello in-nofs indiviż tal-piena proprieta u l-użufrutt tan-nofs indiviż l-ieħor ta' Flat 2, numru 23 Triq Abate Rigord, Msida filwaqt li ddonat lil Vincent Bonello n-nofs indiviż in piena proprieta u l-użufrutt tan-nofs indiviż l-ieħor ta' numru 61, jismu 'Mari' Islet Promenade Street, San Pawl il-Baħar u lil Joseph u Vincent Bonello mill-obbligu tal-kollazjoni ta' dawn l-immobbli mogħtija lilhom bl-imsemmi kuntratt.*

*8. Illi permezz ta' ċitazzjoni numru 1431/2001 fl-ismijiet 'Michelle Shires et vs Giovanna Bonello et', l-esponenti talbet li l-Qorti tiddikjara illi l-imsemmija żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat huma nulli u bla effett u biex għalhekk il-Qorti tordna li ż-żewġ kuntratti jiġu mħassra u rexissi.*

*9. Illi permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' April 2006 it-talbiet tal-esponenti ġew milqugħa iżda fuq appell ta' Joseph, Vincent u Antoinette Bonello, il-Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza tal-Prim Istanza u fid-9 ta' Ġunju 2009 ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż.*

*10. Illi permezz ta' Rikors ta' ritrattazzjoni numru 1431/2001 l esponenti talbet illi ssir ir-ritrattazzjoni ta' din il-kawża, liema trattaxxjoni ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju 2010 fejn il-Qorti tal Appell ċaħdet it-talba tal-esponenti għat-tħassir tas-sentenza fuq ċitata.*

*11. Illi r-raġuni għaliex ġiet miċħuda t-talba tal-esponenti li jiġu annullati u mħassra ż-żewġ kuntratti fuq imsemmija tan-Nutar Brincat kienet għaliex il-Qorti ddeċidiet li għalkemm il-Mandat ta' Inibizzjoni kien inħareġ, dan ma kienx ġie debitament insinwat u konsegwentement ma kienx effettiv vis-a-vis terzi.*

*12. Illi fil-fatt pero' l-esponenti ħadet il-passi xierqa u opportuni sabiex il-Mandat ta' Inibizzjoni jiġi debitament notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u fil-fatt kien l-istess Direttur tar-Reġistru Pubbliku li naqas milli jirreġistra fl-insinwa l-istess Mandat ta' Inibizzjoni.*

*13. Illi minħabba dan in-nuqqas da parti tal-intimati jew min minnhom, l-esponenti sofriet ħsara u dannu billi l-proprjetajiet imsemmija fiż-żewġ kuntratti ma ġewx imqiegħda lura fl-assi ereditarja ta' Edgar Bonello u inoltre, minn dak iż-żmien sallum mietet Giovanna Bonello u għalhekk dawn l-assi m'humiex inklużi fil-massa ereditarja tagħha, minn liema eredita ta' Giovanna Bonello l-esponenti għandha sehem ta' ħamsa minn disgħa (5/9) iżda minħabba l-premess, minflok ma l-esponenti ġiet fl-istess posizzjoni bħal ħutha, hija ġiet preġudikata severament kif ser jiġi ipprovat waqt l-andament ta' din il-kawża.*

*14. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment;*

*15. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi.*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż u bl-interessi mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u tal-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Awwissu 2014**[1] permezz ta' liema tressqu dawn l-eċċezzjonijiet –

*1. "Illi preliminarjament, l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta u dan ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi preliminarjament ukoll l-Avukat Ġenerali mhux il-leġittimu kontradittur u dan in linea mal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi l-kawża għandha tiġi ntavolata kontra l-kap tad Dipartiment tal-Gvern li huwa nkarigat fil-materja in kwistjoni u per konsegwenza din l-imħarrek għandu jiġi liberat mill-osservanza tal ġudizzju;*

*3. Illi bla preġudizzju għas-suespost, fil-mertu tagħhom l-allegazzjonijiet u pertensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid dritt kif se jiġi ppruvat aħjar matul din il-kawża;*

*Għaldaqstant l-intimati qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż."*

[1] Fol 16 et seq

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-Aġent Direttur Qrati Ċivili u Tribunali tal-20 ta' Awwissu 2014**[2] permezz ta' liema tressqu dawn l-eċċezzjonijiet –

> *1. "Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-eċċipjenti m'huwiex il leġittimu kontradittur għal-lanjanzi attriċi u ġie traxxinat f'dawn il proċeduri inutilment u għalhekk l-eċċipjenti għandu jiġi liberat mill osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*
>
> *2. Illi fit-tieni lok u bla preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet attriċi, in kwantu diretti fil-konfront tal-eċċipjenti, huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu jirriżulta biċ-ċar, anke mill-mod li bih ġew postulati l-premessi u t-talbiet attriċi, illi l-lanjanza tar-rikorrenti m'humiex diretti fil-konfront tal-eċċipjenti u l-eċċipjenti bl-ebda mod ma jista jintalab iwieġeb għal-lanjanzi tar-rikorrenti.*
>
> *3. Illi fil-mertu l-eċċipjenti jirrileva li t-talbiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt inter alia peress illi għal dak li jirrigwarda insinwa tal-mandat dan assolutament mhux il-kompitu tal-esponenti u kwindi l-esponenti bl-ebda mod ma jista jiġi tenut responsabbli.*
>
> *4. Illi l-eċċipjenti ma jista' qatt jinstab responsabbli għal kwalunkwe danni mitluba mir-rikorrenti u kwindi anke minn dan il-lat din it-talbiet fil konfront tal-eċċipjenti għandhom jiġu miċħuda;*
>
> *Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat **il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ottubru 2014**[3] permezz ta' liema l-Qorti ordnat lill-konvenuti sabiex iressqu provi dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tad-

[2] Fol 18 et seq
[3] Fol 24

Direttur tar-Reġistru Pubbliku u tal-Avukat Ġenerali u l-ewwel eċċezzjoni tas-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali.

Rat illi wara li tressqu l-provi tal-partijet għal dan il-għan, din il-Qorti diversament preseduta tat **sentenza datata 26 ta' Novembru 2015**[4] permezz ta' liema –

1) Laqgħet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u tal-Avukat Ġenerali;

2) Laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali;

3) Iddikjarat l-azzjoni tal-attriċi preskritta b'applikazzjoni tal Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

4) Iddikjarat li fid-dawl tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta il-konvenut Avukat Ġenerali m'huwiex il-leġittimu kontradittur;

5) L-ispejjeż tal-proċedura kellha tagħmel tajjeb għalihom l-attriċi.

Rat illi minn din is-sentenza appellat l-attriċi u ressqet tliet aggravji -

[4] Fol 237 et seq

- Permezz tal-ewwel aggravju hija lmentat li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, li biha sostna li m'huwiex leġittimu kontradittur, ma kellhiex tintlaqa';

- Permezz tat-tieni aggravju hija lmentat ukoll li l-eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali m'huwiex leġittimu kontradittur kellha tiġi miċħuda;

- Permezz tat-tielet aggravju tagħha hija lmentat minn dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz tagħha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi b'sentenza datata 25 ta' Frar 2021 il-Qorti tal-Appell iddeċidiet billi –

1) **Laqgħet l-ewwel aggravju** u ħassret dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti li biha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali. Dan stante li fis-sentenza tas-26 ta' Novembru 2015, l-ewwel Qorti kienet għamlet kunsiderazzjonijiet biss dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u dwar jekk l-Avukat Ġenerali kienx leġittimu kontradittur. B'hekk meta laqgħet l-eċċezzjoni tad-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, din il-Qorti diversament preseduta ma kienet tat ebda motivazzjoni u b'hekk seħħ ksur tal-artikolu 218 tal-Kap 12. Il-Qorti tal-Appell iddeċidiet għalhekk li l-ewwel Qorti għandha terġa' tiddeċiedi dwar l-

istess. Spejjeż tad-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali taż-żewġ istanzi a karigu tiegħu;

2) **Ċaħdet it-tieni aggravju** u dan wara li qablet mal-ewwel Qorti li l-Avukat Ġenerali ma kellu ebda nvolviment fil-viċenda u huwa kellu jiġi notifikat biss bl-atti tal-kawża ai termini tal-artikolu 181B (3) tal-Kap 12;

3) **Laqgħet it-tielet aggravju** u ħassret dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u minflok ċaħdet 1-eċċezzjoni li l-azzjoni tal-attriċi hi preskritta skont l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Dan wara li qieset li qabel inqatgħu l-kawżi *Maria Concetta Shires pro et noe vs Vincent Bonello et* (Rik 77/1986) deċiża fl-4 ta' Diċembru 2006 u *Michelle Shires et vs Giovanna Bonello et* (Rik 1431/2001) deċiża finalment fit-30 ta' Lulju 2010, l-attriċi ma setgħetx tipproċedi bil-kawża tal-lum. Kawża għad-danni mill-attriċi kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kienet tkun intempestiva diment li l-attriċi ma jkollhiex favur tagħha *res judicata* li ma kienx hemm bażi sabiex it-testatur Edgar Bonello jordna d-diżeredazzjoni tagħha. Dikjarazzjoni li ngħatat b'sentenza tal Prim'Awla fl-4 ta' Diċembru 2006. Inoltre t-tieni kawża titratta talba sabiex jitħassru l-kuntratti pubblikati min-nutar Joseph Brincat fit-8 ta' Lulju 1999 u 22 ta' Frar 2001. L-ewwel wieħed kuntratt ta' bejgħ favur Vincent Bonello (iben Giovanna Bonello u ħu Joseph Bonello) u martu Antoinette, u l-ieħor donazzjoni lill uliedha Joseph u Vincent aħwa Bonello. Hawn ukoll kawża

għad-danni kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qabel it-30 ta' Lulju 2010 kienet tkun intempestiva għaliex sa dakinhar kienet għadha pendenti l-kawża Rik 1431/2001 relatata mal-kuntratti ta' akkwisti fuq imsemmija, u li fiha l-attriċi kienet qiegħda ssostni li saru bi ksur tal-ordni mogħtija mill Prim'Awla fis-16 ta' Diċembru 1986 fil-mandat ta' inibizzjoni numru: 1286/86. B'hekk b'applikazzjoni tal-Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, il preskrizzjoni fil-konfront tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bdiet tiddekorri mit-30 ta' Lulju 2010, data tal-aħħar sentenza li biha l-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba tal-attriċi għar-revoka tas-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2009 u ritrattazzjoni tal-appell. Mill-provi kien intwera li bl-atti ġudizzjarji preżentati mill-attriċi fit-12 ta' Lulju 2012 u fis-26 ta' Ġunju 2014 il-preskrizzjoni ġiet debitament interrota biex imbagħad ġiet intavolata l-kawża odjerna fil-11 ta' Lulju 2014.

4) L-ispejjeż taż-żewġ istanzi ġew imqassma skont kif ingħad fl-istess sentenza.

Rat li r-Reġistratur ġie ordnat biex minnufih jibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

**Rat li l-kompitu ta' din il-Qorti f'dan l-istadju għalhekk huwa li titratta u tiddeċiedi dwar –**

**a) l-ewwel eċċezzjoni preliminari tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali permezz ta' liema huwa jsostni li mhuwhiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tal-attriċi; u**

**b) il-każ fil-mertu.**

Rat il-provi u sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-attriċi qegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti responsabbli għad-danni li hija sofriet b'riżultat tan-nuqqas tal-istess konvenuti jew min minnhom li jinsinwaw l-Mandat t'Inibizzjoni numru 1286/86 fl-ismijiet *Maria Concetta Shires pro et noe vs Vincent Bonello et*, liema nuqqas wassal biex minkejja l-istess mandat, ġiet trasferita proprjeta' li kienet milquta bih bi ksur ta' dak ordnat mill-Qorti u dan ukoll bi pregiudizzju għalija.

Minn naħa tagħhom l-intimati jirrespinġu l-pretensjonijiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**A. PROVI**

Mill-atti jirriżulta li –

i) L-attriċi hija bint il-mejtin Edgar u Giovanna Bonello. **Missierha miet fil-15 ta' Lulju 1984** filwaqt li **ommha mietet fil-21 ta' Frar 2002**;

ii) Hija għandha żewġ aħwa Vincent Bonello u Joseph Bonello (illum mejjet);

iii) Meta miet missierha l-attriċi skopriet li permezz tat-testment tiegħu tas-6 ta' Mejju 1983, huwa nnomina bħala eredi tiegħu lil ħut l-attriċi u ċioe' Joseph u Vincent Bonello filwaqt li għar-raġunijiet indikati fl istess testament huwa kien iddiżeredita lilha;

iv) L-attriċi kkontestat din id-deżeridazzjoni fil-Qrati permezz tal-proċeduri Rik 771/86 *Maria Concetta Shires proprio et nomine vs Vincent Bonello et* permezz ta' liema talbet lill-Qorti sabiex –

> *"(1) tiddikjara u tiddeciedi li r-ragunijiet migjuba mit-testatur Edgar Bonello missier l-attrici Maria Concetta Shires ghad-diseredazzjoni tal-*

*istess attrici fl-ahhar testment tieghu mhumiex minnhom, ghalhekk id diseredazzjoni taghha fl-istess testment hija nulla u bla effett u konsegwentement ghandha dritt ghal-legittima skond il-ligi;*

*(2) subordinatament tiddikjara li l-istess legittima, kemm-il darba m'ghandhiex dritt ghaliha Maria Concetta Shires ghandhom dritt ghaliha uliedha l-minuri Michelle u Tristam ahwa Shires."*

v) Permezz ta' **sentenza datata 4 ta' Diċembru 2006** il-Qorti ddeċidiet li r-raġunijiet miġjuba mit-testatur Edgar Bonello, missier l-attriċi, Maria Concetta Shires għad-diseredazzjoni tal-istess attriċi fl-aħħar testment tiegħu ma humiex suffiċjentement validi u għalhekk, id-diseredazzjoni tagħha fl-istess testment hija nulla u bla effett. Konsegwentement hija għandha dritt għall-leġittima skont il-liġi.

vi) Sadanittant, kontestwalment mal-preżentata taċ-ċitazzjoni fil-kawża Rik 771/86, u ċioe' nhar id-**19 ta' Settembru 1986**, l-attriċi ntavolat rikors quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet *Maria Concetta Shires proprio et nomine vs Vincent Bonello et* fejn talbet il-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni sabiex l-intimati Vincent u Joseph Bonello u Giovanna Bonello bħala użufruttwarja ta' Edgar Bonello jiġu inibiti milli jitrasferixxu jew b'xi mod jiddisponu mill-ġid tad-defunt Edgar Bonello u konsegwentement tordna n-notifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, lir-Reġistratur tal-Artijiet u l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Banek b'tali ordni.

vii) Il-Mandat ġie milqugħ proviżorjament nhar id-19 ta' Settembru 1986 filwaqt li l-Qorti ordnat in-notifika lill-partijiet involuti. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġie notifikat fid-19 ta' Settembru 1986[5] u preżenta Nota li tgħid hekk[6] -

> *"(1) Illi huwa marbut bil-liġi li jirreġistra l-insinwi kollha li jissodisfaw il-Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta (Revised Edition).*
>
> *(2) Illi l-liġi ma ttih ebda poter jew xi mezz biex ikun jista' jgħarraf 'il terzi persuni b'mandati ta' inibizzjoni bħal dak ta' llum."*
>
> (viii) B'digriet datat 16 ta' Diċembru 1986 il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi għall-ħruġ tal-Mandat t'Inibizzjoni *"b'dan illi jibqgħu esklużi mill-mandat l-oġġetti kollha manifatturati; xogħol u krediti li għandhom x'jaqsmu mal-azjenda tad-decujus, ġja magħrufa bħala "J.V. Bonello Jewellers" ta' 216, Old Bakery Street, Valletta'".*

ix) Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġie debitament notifikat bil-Mandat finali fis-6 ta' Jannar 1987[7].

x) Sussegwentement għal dan il-Mandat, l-attriċi skopriet li permezz ta' kuntratt ta' bejgħ datat 8 ta' Lulju 1999 Giovanna Bonello u Joseph Bonello għamlu trasferiment ta' proprjeta' lill-konvenut Vincent Bonello u martu Antoinette, filwaqt li permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat 22 ta' Frar 2001 Giovanna Bonello trasferiet proprjeta' lil uliedha Joseph u Vincent Bonello.

---

[5] Fol 128
[6] Fol 131
[7] Fol 99

xi) Permezz tal-proċeduri ntavolati fid-9 t'Awwissu 2001 Rik 1431/01 fl-ismijiet *Michelle Shires et vs Giovanna Bonello et* l-atturi f'dik il-kawża talbu lill-Qorti biex –

> *"1. tiddeċiedi u tiddikjara li l-kuntratti fuq imsemmija fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Brincat tat-8 ta' Lulju 1999 u tat-22 ta' Frar 2001 huma nulli u bla effett.*
> *2. tordna li l-imsemmija kuntratti jigu mhassra u rexissi.*
> *3. tahtar nutar sabiex jippubblika l-att opportun, tinnomina kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci u tiffissa l-gurnata, l-hin u lok ghal pubblikazzjoni ta' l-istess."*

xii) **B'sentenza datata 5 t'April 2006** din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti in kwantu ddeċidiet li l-ksur tal-ordni mogħtija mill-Qorti meta laqgħet it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, ma jwassalx għan-nullità tal-kuntratti in kwistjoni peress li ma kienx hemm prova li l-mandat kien ġie reġistrat. Dwar din l-eċċezzjoni, dik il-Qorti qalet hekk –

> *".......kif sewwa eccepew il-konvenuti, il-ksur tal ordni tal-Qorti per se ma jwassalx ghan-nullita' tal-kuntratt ghalkemm certament jindika element ta' bad faith. L-atturi ghandhom ragun meta jindikaw l-Artikolu 873 (10) illi jghid li meta ssir registrazzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni, kull trasferiment ikun null izda l-istess atturi ma ressqu ebda prova ta' din ir-registrazzjoni u strahu biss fuq il-prova li hareg il-mandat. Kif gia' inghad dan ma hux bizzejjed u l Qorti ma tistax tippresumi illi din ir-registrazzjoni saret. Ghalhekk il-Qorti ma tistax taccetta din il-kawzali bhala sufficjentement provata biex twassal ghan-nullita."*

xiii) Madanakollu, dik il-Qorti ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti u laqgħet it-talbiet attriċi stante li l-werrieta ma setgħux jittrasferixxu parti mill-

wirt qabel issir il-likwidazzjoni jew qsim tal-wirt. Ġie nominat nutar sabiex jippubblika l-att relattiv ta' tħassir u rexissjoni tal-kuntratti fil-15 ta' Mejju 2006.

xiv) Minn din is-sentenza tressaq appell prinċipali mill-konvenuti f'dik il-kawża kif ukoll appell inċidentali mill-atturi. Peress li l-appell inċidentali kien fuori termine l-Qorti allura ddikjaratu null u ineffikaċi. Fl-appell inċidentali l-uniku lment tal-atturi kien dwar l-ispejjeż stante li fil-fehma tagħhom, la rebħu l-kawża ma kellhomx jiġu allokati lilhom sehem minnhom.

xv) Dwar l-appell prinċipali, l-Qorti tal-Appell qieset li l-ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq tlett konsiderazzjonijiet:

> *"a) Illi billi l-atturi ma ressqu ebda prova tar-reġistrazzjoni tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 1286/86 iżda straħu biss fuq il-prova tal-ħruġ tal-Mandat, hi ma setgħetx tippresumi li r-reġistrazzjoni saret u b'hekk ma setgħetx tikkonkludi li l-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat rispettivament datati 8 ta' Lulju 1999 u 22 ta' Frar 2001, huma nulli u bla effett fil-liġi;*
>
> *(b) Illi l-werrieta ma jistghux jittrasferixxu parti mill wirt u cioè ibiegħu sehemhom minn xi proprjetà waħda mill-wirt qabel ma ssir il-likwidazzjoni jew qsim tal-wirt.*
>
> *(ċ) Illi l-legittima hija dovuta in natura, in piena proprieta senza alcun peso o altra condizione. Billi ghalhekk fil-każ in kwistjoni t-trasferiment tal-immobbli formanti parti mill-wirt seta' jippregudika dan il principju allura ġie dikjarat null."*

xvi) Il-Qorti tal-Appell ma daħlitx fl-ewwel konsiderazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti b'rabta man-nuqqas ta' prova tar-reġistrazzjoni tal-Mandat

t'Inibizzjoni stante illi ebda wahda mill-partijiet kontendenti ma hi qed titlob ir riforma tas-sentenza appellata f'dan ir-rigward.

xvii) Madankollu l-Qorti tal-Appell laqgħet l-ewwel u t-tieni aggravju ta' l-appell tal-konvenuti appellanti fis-sens li s-sentenza appellata kienet żbaljata in kwantu l-ewwel Qorti ma qisitx li għal dak li jirrigwarda n-nofs indiviż mill-proprjetà ta' Giovanna Bonello derivanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti li kellha ma' żewġha Edgar Bonello, l-istess Giovanna Bonello kienet qed tittrasferixxi proprjetà personali tagħha u mhux assi ereditarji ta' żewġha, u in kwantu rigwardanti l-assi ereditarji tal-mejjet Edgar Bonello, it-trasferiment, ossia divizjoni parzjali ta' l-istess, seħħ bil-kunsens tal-kondividendi kollha u b'hekk dak it-trasferiment huwa legalment valida u effikaċi fil-liġi.

xviii) Għaldaqstant b'sentenza datata **9 ta' Ġunju 2009** il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata in kwantu giet milqugha t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti appellanti izda revokata fil-bqija taghha u konsegwentement ġiet milqugha l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti appellanti filwaqt li t-talbiet attriċi ġew michuda.

xix) L-atturi kienu talbu ritrattazzjoni minn dik is-sentenza iżda fit-**30 ta' Lulju 2010** din it-talba ġiet miċħuda.

xx) Il-kawża odjerna ġiet intavolata fil-11 ta’ Liuju 2014.

xxi) L-attriċi tixhed[8] li hija ma tafx x’ġara wara l-ħruġ tal-mandat t’inibizzjoni in kwistjoni u saret taf li ma kienx ġie nsinwat meta tilfet il-kawża fid-9 ta’ Ġunju 2009. Ma ftakritx li fis-sentenza tal-5 t’April 2006 seta’ ssemma li l-mandat ma ġiex insinwat.

## B. EĊĊEZZJONI PRELIMINARI

**Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu** l-konvenut Direttur Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali jgħid hekk -

> *“1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-eċċipjenti m’huwiex il leġittimu kontradittur għal-lanjanzi attriċi u ġie traxxinat f’dawn il proċeduri inutilment u għalhekk l-eċċipjenti għandu jiġi liberat mill osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.”*

Fil-ġurisprudenza in materja fosthom fil-każ **Angela sive Gina Balzan vs L-Onorevoli Prim Ministru et deċiż fil-15 ta’ Diċembru 2017**[9] ingħad hekk -

> *“Kif qalet riċentement din il-Qorti stess fil-każ* ***Joseph Grech et vs Nikka Developments Company Limited et*** *deċiż fit-3 ta’ Novembru 2017 -*

[8] Fol 219
[9] Rik Kost 14/15

*Dwar l-argument tas-soċjeta' li hija mhijiex legittimu kontradittur, kif qalet din il-Qorti fil-każ* ***Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deciz fit-28 ta' Settembru 2016***[10] ***-***

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawża bħala leġittimu kontradittur jirriżultaw ben ċari mill-ġurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deċiża fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell****:***

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-każ fl-ismijiet* ***Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009***[11] *intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinsel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodiċi Ċivili. Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża."*

*Illi inoltre l-ġurisprudenza tkompli hekk:*

*"Għal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta."* ***(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)***[12]***.***

*Inoltre fil-każ* ***Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et deciz fit-3 ta' Ottubru 2008***[13] *ingħad li -*

*"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza*

---

[10] Rik Gur 700/14

[11] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)

[12] (Nru 777/06) Deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell

[13] Cit Nru 1236/07

*għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-eċċezzjoni ta' dan il-konvenut jirriżulta li din hija ġustifikata.

L-azzjoni attriċi hija bażata fuq l-ilment li l-mandat t'inibizzjoni numru 1286/86 fuq imsemmi ma' ġiex insinwat mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dan kellu konsegwenzi li kkawżaw danni lill-istess attriċi.

Il-konvenut Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali jiffigura f'dan il-kuntest in kwantu kien ir-rwol u r-responsabilta' tiegħu li permezz tal-uffiċjali tal-Qorti jwassal in-notifika ta' dan il-Mandat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fost oħrajn.

Mill-atti jirriżulta li r-Reġistratur qeda fedelment dan l-obbligu tiegħu.

Kif intwera mill-kopja legali tal-inkartament sħiħ ta' dan il-mandat a fol 58 et seq, fid-19 ta' Settembru 1986 id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġie notifikat bir-rikors u d-digriet li bih intlaqa' proviżorjament il-mandat. Infatti kien saħansitra ntavola Nota fl-atti tal-Mandat kif indikat fis-sinteżi tal-provi. Ulterjorment,wara li l-Qorti semgħet lill-partijiet konċernati u akkordat il-Mandat b'mod definittiv bid-digriet tas-16 ta' Diċembru 1986 u l-Ordni tagħha tas-6 ta' Jannar 1987, ir-

Reġistratur reġa qeda dmiru u fost oħrajn innotifika lid-Direttur nhar is-6 ta' Jannar 1987.

Dawn il-fatti kienu faċilment verifikabbli mill-attriċi qabel ma fetħet il-kawża u kwindi hija meqjusa li kienet konsapevoli jew li messha kienet konsapevoli ta' dan. Tenut kont in-natura tat-talbiet tal-attriċi, il-konvenut Reġistratur ma għandux xi jwieġeb għal xi nuqqas għax dak li kellu jagħmel għamlu skont il-liġi.

**Għaldaqstant din l-eċċezzjoni ser tintlaqa' u r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ser jitqies li mhuwhiex leġittimu kontradittur għat-talbiet tal-attriċi u sejjer għalhekk jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ispejjeż marbuta ma' dan il-konvenut ser ikunu a karigu tal-attriċi.**

**Ċ. MERTU**

**Fl-ewwel talba attriċi** hija ssostni li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jitqies responsabbli għad-danni minnha sofferti għar-raġunijiet imsemmija fis-suespost.

Il-bażi tal-azzjoni hija l-allegata inadempjenza tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jirreġistra l-mandat ta' inibizzjoni numru 1286/86 mertu tal-kawża.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza surreferita Rik 621/14 tal-25 ta' Frar 2021, *"Evidenti li l-appellanti tippretendi li dak l-obbligu jispetta lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-liġi*[14]*."*

Bħala stat ta' fatt minn imkien mill-provi ma ntwera li dan il-mandat kien effettivament ġie nsinwat.

Naturalment sabiex jiġi kkunsidrat jekk id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kisirx l-obbligi tiegħu skont il-liġi irid l-ewwel jintwera li, **fl-epoka li ħareġ il-mandat imsemmi**, kien hemm liġi li tobbligah jinsinwa tali mandat u li huwa naqas li jagħmel dan. Altrimenti dan l-obbligu ma jeżitstix.

L-attriċi f'ebda waqt ma ndikat l-artikolu tal-liġi li a bażi tiegħu fl-1986 id-Direttur imsemmi kien mistenni minnu fil-liġi li jinsinwa dan il-mandat.

Fil-perjodu meta l-mandat ġie ntavolat u akkordat definittivament il-mandat fl-1986, l-artikolu 874 tal-Kap12 tal-Liġijiet ta' Malta kien jipprovdi hekk –

*"Il-Marixxal għandu jesegwixxi l-mandat billi jagħti kopja tiegħu lill-parti li kontrih ikun inħareġ."*

[14] Paġna 20 para 30 tas-sentenza

L-artikolu 873 u l-artikou 875 kif viġenti fl-epoka in kwistjoni, u li kopja tagħhom hija esebita fl-atti mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fin-Nota tiegħu tal-15 t'April 2023 ukoll ma jsemmu xejn dwar xi obbligi mposti mill-leġislatur fuq dan id-Direttur fir-rigward tal-insinwa ta' mandati t'inibizzjoni.

Infatti fin-Nota tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku tat-23 ta' Settembru 1986 fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni Rik 1286/86 stess, huwa kien diġa' ġibed l-attenzjoni tal-Qorti u tal-partijiet involuti fosthom l-attriċi li l-liġi ma ttih ebda poter jew mezz biex huwa jkun jista' jgħarraf 'il terzi persuni b'mandati ta' inibizzjoni bħal dak in kwistjoni.

L-ewwel bidla seħħet permezz tal-**Att Nru XIV tal-2006 tal-4 t'Awwissu 2006** permezz ta' liema fir-rigward ta' mandati t'inibizzjoni saret sostituzzjoni tal-artikolu 873 sa 875 b'dana li minflokhom daħlu artikoli ġodda. Senjatament l-artikolu 874 (2) et seq kien jipprovdi hekk –

> *"(2) Meta mandat jipprojbixxi l-bejgħ, it-trasferiment jew it-tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli, ir-rikors għandu jkun fih il-partikolaritajiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-persuna li jinħareġ kontriha u li huma meħtieġa mil-liġi dwar ir-reġistrazzjoni ta'trasferiment ta' proprjetà immobbli minn dik il-persuna fir-Reġistru Pubbliku. Fejn il-mandat jirreferi għall-immobbli speċifiċi, dawn għandhom jiġu deskritti fir-rikors, bil-mod provdut fl-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, dwar noti ta' l-iskrizzjoni, jiġifieri li din għandha sseħħ b'referenza għad-data ġeografika inkwistjoni.*

> ***(3) Il-mandat imsemmi fis-subartikolu (2) għandu, meta jinħareġ u bi spejjeż tar-rikorrent, jiġi notifikat mir-Reġistratur fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur ta' l-Artijiet jew lill-awtorità li tiġi desinjata mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja li għandhom minnufih jiktbuh f'reġistru li jżommu għaldaqshekk. Dawn ir-reġistri għandu jkollhom indiċi u jista' jarahom kulħadd. Dan il-mandat għandu jiġi notifikat ukoll lil kull min hekk jitniżżel mir-rikorrent[15].***
>
> ***(4) Malli ssir ir-reġistrazzjoni tal-mandat kif imsemmi fis-subartikolu (2) mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, kull bejgħ, trasferiment jew tneħħija sussegwenti ta' ħwejjeġ immobbli li għalihom jirreferi l-mandat ikun null u bla ebda effett[16]."***

<u>Minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi joħroġ ċar li l-leġislatur poġġa għall-ewwel darba fuq id-Direttur tar-Reġistru Publiku l-obbligu tal-insinwa ta' mandati t'inibizzjoni fuq ħwejjeġ immobbli mill-4 t'Awwissu 2006 'il quddiem u ċioe' kważi għoxrin sena wara l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni numru 1286/86.</u>

Għal kull buon fini jiġi nnutat ukoll li bis-saħħa tal-**Att Nru XII tal-2009 tas-7 ta' Lulju 2009** saret emenda oħra permezz ta' liema-

> *"Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 874 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "jiġi notifikat mir-Reġistratur fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku" għandhom jidħlu l-kliem "jiġi notifikat minn nutar pubbliku, maħtur mill-Qorti għal dan il-għan, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku"* .

Sussegwentement permezz tal-**Att Nru IV tal-2016 tad-19 ta' Jannar 2016** l-artikolu 874 tal-Kap 12 reġa' ġie emendat kif ġej:

---

[15] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[16] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti

*"(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "b'referenza għad-data ġeografika inkwistjoni." għandhom jiżdiedu l-kliem "Meta r-rikors jirreferi għal proprjetà immobbli speċifika għandu wkoll ikollu mehmuż miegħu abbozz sħiħ tan-nota ta' iskrizzjoni biex tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku.";*

*(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "nutar pubbliku, maħtur mill-Qorti għal dan il-għan" għandhom jidħlu l-kliem "ir-Reġistratur";*

**Stabbilit dan, il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel talba attriċi u ssib lid-Direttur konvenut responsabbli għal xi danni sofferti mill-attriċi ġjaladarba l-liġi viġenti fl-epoka tal-mandat ma kinitx tpoġġi obbligu fuqu li jinsinwa l-mandati ta' inibizzjoni.**

**Per konsegwenza ser jiġu miċħuda l-bqija tat-talbiet attriċi stante li huma konsegwenzjali għall-ewwel talba.**

**Għall-istess raġunijiet ser tintlaqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi -**

**1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali u tiddikjara li huwa mhuwhiex leġittimu kontradittur għat-talbiet tal-attriċi u kwindi ser jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**2. Tilqa' t-tielet eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;**

**3. Tiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**

**Imħallef**

**Rita Falzon**

**Dep. Reġ.**